MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 623/2014

**Marlene Debono**
**(ID 505672M)**

**Vs**

**Pierre Buttigieg**
**(ID141171M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Settembru, 2014 fejn l-attirci talbet illi t-Tribunal jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elef erbgha mija u disghin ewro (€3490) (ghalkemm is-somma attwalment dovuta hija ta’ erbat elef ewro (€4,000), din qed tigi ridotta ai fini ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal), rapprezentanti penali bejn il-partijiet permezz ta’ skrittura privata datata l-21 ta’ Novembru, 2012 u skrittura privata datata t-18 ta’ Frar, 2013.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali (1348/2014) datata s-27 ta’ Lulju, 2014 kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat naqas li jidher u lanqas ipprezenta risposta.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan in-nuqqas da parti tal-konvenut it-Tribunal jidhirlu xieraq illi t-talba attrici hija wahda gustifikata u ghalhekk it-Tribunal jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef erbgha mija u disghin ewro (€3,490) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------